# Xogħol tal-artist Gianni Vella fil-Bażilika ta`Sant`Elena ta` Birkirkara



Mario Fenech

Wieħed mill-artisti magħrufa li nsibu xogħol minn tiegħu fil-Bażilika ta' Sant'Elena huwa Gianni Vella. Matul is-sena 1936, huwa pinġa tliet xogħlijiet għal din din il-knisja monumentali. Dawn huma *il-Madonna taċ-Ċintura, Marija Għajnuna tal-Ħaddiema u Marija Refuġju tal-Bnedmin.*



Il-kwadru ta' fuq Artal taċ-Ċintura

Gianni Vella twieled f'Bormla nhar id-9 ta' Mejju 1885. Tilef lil missieru meta kien għadu t'età żgħira. Kien juri interess fl-arti, tant li darba waħda ċertu qassis, Dun Ġużepp li kien ra xi xogħlijiet minn tiegħu, introduċih mal-artist Attilio Palombi li kien f'Malta biex jiddekora s-saqaf tal-Knisja ta' San Pawl Nawfraġju fil-Belt Valletta.

Għamel żmien twil jaħdem ma' Palombi sakemm fis-sena 1907 huwa mar f'Ruma fl-*Accademia delle Belle Arti* u wara fil-*British Academy*. Ġie lura Malta fis-sena 1912 u fetaħ l-istudju tiegħu fi Triq San Duminku fil-Belt Valletta. Minn hemm 'il quddiem hu beda karriera twila li matulha ħadem f'numru kbir ta' knejjes f'Malta u Għawdex. Baqa' jaħdem xi xogħlijiet sakemm miet fid-dar tiegħu f'Buġibba fit-3 ta' Settembru 1977.

Meta pinġa dawn it-tliet xogħlijiet għall-Bażilika ta' Sant'Elena fl-età ta' 51

sena hu kien fl-aqwa żmien tal-karriera artistika tiegħu. Għaldaqstant, meta ġie biex ipinġi l-koppletta tal-kappella taċ-Ċintura, għalkemm din hija mingħajr flieli, Vella kien kapaċi jimla l-ispazju kollu li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu bl-aħjar mod u mingħajr ma ħoloq konfużjoni fl-għajn li tħares lejn dan ix-xogħol. Kuluri ċari sbieħ u sempliċità fix-xena tas-suġġett.


Il-Pittura tal-Koppletta taċ-Ċintura

Fiż-żewġ lunetti li hemm mal-ġnub ta' taħt il-koppletta, l-artist jippreżenta lil Madonna bħala *Għajnuna tal-Ħaddiema* u *Refuġju tal-Bnedmin*. Dawn huma żewġ suġġetti mhux daqstant komuni fi kwadri ta' dan it-tip. L-artist għalhekk ħoloq dak li kellu f'moħħu mingħajr irbit ta' xejn.

Dak li jifli sew dawn it-tliet xogħlijiet ta' Gianni Vella f'din il-kappella u jqabbilhom mal-kwadru li hemm fuq l-artal għandu jinnota, li għalkemm dan il-kwadru huwa wieħed qadim sew, tant li kien sar fis-sena 1798 (ma nafux min hu l-awtur tal-kwadru), xorta waħda hemm armonija sħiħa bejn dawn l-erba' xogħlijiet.

Dan jagħtina x'nifhmu li kull meta jsiru xi opri sagri, f'din il-knisja, l-għażla ta' min kien ikun ser jaħdem, dejjem kienet issir b'attenzjoni kbira. Għalhekk illum din il-Bażilika hija waħda monumentali.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.

